IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 17.2.2025
COM(2025) 43 final

2025/0024 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt is-sbatax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu, fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Artikoli u l-Annessi ta' dik il-Konvenzjoni

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Basel, fir-rigward tal-proposta tal-Unjoni Ewropea li jiġi emendat l-Anness IV ta’ din il-Konvenzjoni u tal-proposta tal-Federazzjoni Russa li jiġi emendat l-Artikolu 6 ta’ din il-Konvenzjoni. Il-laqgħa li jmiss hija skedata f’Ġinevra bejn it-28 ta’ April u d-9 ta’ Mejju 2025 (is-17-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet). Iż-żewġ proposti msemmija hawn fuq diġà ġew diskussi matul il-15 u s-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet f’Ġunju 2022 u f’Mejju 2023. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar dawn il-proposti għall-15 u s-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet ġiet definita bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2020/1829 tal-24 ta’ Novembru 2020[1] u (UE) 2022/1025 tat-2 ta’ Ġunju 2022[2] u (UE) 2023/1007 tal-25 ta’ April 2023[3]. Dwar dawn il-proposti hemm bżonn Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida għal-laqgħa li jmiss tal-Konferenza tal-Partijiet.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni ta’ Basel dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta’ skart perikoluż u r-rimi tiegħu

Il-Konvenzjoni ta’ Basel dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta’ skart perikoluż u r-rimi tiegħu (“il-Konvenzjoni”) ġiet adottata fit-22 ta’ Marzu 1989 u daħlet fis-seħħ fl-1992. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Konvenzjoni[4]. Il-Konvenzjoni għandha 191 Parti.

Il-pedament tal-Konvenzjoni hu sistema tal-kontroll għall-esportazzjoni, għall-importazzjoni u għat-tranżitu ta’ ċerti tipi ta’ skart, permezz tal-proċedura ta’ “kunsens infurmat minn qabel”. L-esportazzjonijiet tal-iskart soġġetti għall-Konvenzjoni għandhom jiġu notifikati bil-quddiem lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-importazzjoni u tat-tranżitu. In-notifiki għandhom isiru bil-miktub u għandhom jinkludu d-dikjarazzjonijiet u l-informazzjoni speċifikati fl-Anness V A tal-Konvenzjoni. L-esportazzjoni tal-iskart tista’ ssir biss jekk u meta l-Istati kollha kkonċernati jkunu taw il-kunsens tagħhom bil-miktub (l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni).

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1829 tal-24 ta’ Novembru 2020 dwar is-sottomissjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, ta’ proposti biex jiġi emendat l-Anness IV u ċerti entrati fl-Annessi II u IX għall-Konvenzjoni ta’ Basel dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta’ Riskju u d-Disponiment Minnhom għall-konsiderazzjoni fil-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, u dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f’isem l-Unjoni Ewropea f’dik il-laqgħa fir-rigward ta’ proposti minn Partijiet oħra għal dik il-Konvenzjoni biex jiġu emendati l-Anness IV u ċerti entrati fl-Annessi II, VIII u IX għal dik il-Konvenzjoni (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 28-33).

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1025 tat-2 ta’ Ġunju 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea waqt il-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Basel dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta’ Riskju u d-Disponiment minnu, fir-rigward ta’ ċerti emendi għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 6 ta’ dik il-Konvenzjoni (ĠU L 172, 29.6.2022, p. 11-12).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1007 tal-25 ta’ April 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea waqt is-sittax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Basel dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta’ Riskju u d-Disponiment minnhom fir-rigward ta’ ċerti emendi ta’ Artikoli u Annessi f’dik il-Konvenzjoni (ĠU L 136, 24.5.2023, p. 57-58).

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE dwar it-tmiem, f’isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni ta’ Basel tat-22 ta’ Marzu 1989 dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta’ skart perikoluż u r-rimi tiegħu, ĠU L 39, 16.2.1993, p. 1.

Is-sistema tal-kontroll tal-Konvenzjoni tapplika għall-iskart perikoluż definit fl-Artikolu 1 u elenkat fl-Anness VIII tal-Konvenzjoni, kif ukoll għall-iskart elenkat fl-Anness II, li fih l-iskart miġbur mill-unitajiet domestiċi, ir-residwi li jirriżultaw mill-inċinerazzjoni tal-iskart domestiku, ċertu skart tal-plastik u skart elettroniku mhux perikoluż. Fl-Anness IX, il-Konvenzjoni telenka wkoll entrati ta' skart li mhux fil-kamp ta' applikazzjoni u fis-sistema tal-kontroll tagħha, sakemm dan l-iskart ma jkunx fih materjal minn xi kategorija tal-Anness I sal-punt li jwassal biex l-iskart jesponi karatteristika perikoluża msemmija fl-Anness III.

## 2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel hi l-korp deċiżjonali prinċipali tal-Konvenzjoni. Din għandha s-setgħa temenda l-Annessi tal-Konvenzjoni u tiltaqa' kull sentejn.

## 2.3. L-emendi proposti għall-Konvenzjoni

***Emenda proposta tal-Anness IV tal-Konvenzjoni mill-Unjoni***

Ir-rieżami tal-Annessi I, III u IV u tal-aspetti relatati tal-Anness IX tal-Konvenzjoni nbeda mit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP-12) bid-deċiżjoni BC-12/1 tagħha[5].

It-13-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP-13) iddeċidiet li tistabbilixxi grupp ta' ħidma espert (EWG) biex isir rieżami tal-Annessi ta' hawn fuq.

L-EWG ħareġ għadd ta' rakkomandazzjonijiet u alternattivi għall-konsiderazzjoni tal-Partijiet, f'każ li jkunu jixtiequ jissottomettu proposti għall-kunsiderazzjoni tal-COP biex jiġu emendati u ċċarati d-deskrizzjonijiet tal-operazzjonijiet tar-rimi elenkati fl-Anness IV tal-Konvenzjoni. Jekk il-proposti jiġu adottati, dawn iżidu ċ-ċarezza ġuridika u għalhekk jiffaċilitaw il-kontrolli tal-vjeġġi tal-iskart u l-prevenzjoni tal-vjeġġi illegali. Dawn jappoġġaw ukoll l-immaniġġjar ambjentalment korrett tal-iskart fil-livell dinji u se jgħinu fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari dinjija.

Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1829, fit-3 ta' Diċembru 2020 tressqet proposta f'isem l-Unjoni għal emenda tal-Anness IV biex tiġi diskussa fil-COP-15. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Basel, b'mod partikolari b'bidliet fid-definizzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-iskart u tal-iskart li għandu jiġi kkontrollat, li hemm fl-Annessi tal-Konvenzjoni. Il-proposta ġiet diskussa waqt il-COP-15 u l-COP-16 tal-Konvenzjoni f'Ġunju 2022 u f'Mejju 2023. Matul id-diskussjonijiet, ħafna Partijiet esprimew tħassib dwar ċerti elementi tal-proposta. Dan kien il-każ l-aktar b'rabta ma' xi operazzjonijiet ġodda speċifiċi, fosthom l-inklużjoni ta' "preparazzjoni għall-użu mill-ġdid" bħala operazzjoni ġdida tal-immaniġġjar tal-iskart, l-introduzzjoni fl-Anness IV ta' operazzjonijiet li jseħħu qabel is-sottomissjoni għal operazzjonijiet oħra ("operazzjonijiet interim") u l-introduzzjoni ta' klawżola "komprensiva" għal operazzjonijiet mhux koperti minn dispożizzjonijiet oħrajn imsemmija fiha. Għalhekk, matul is-17-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet jeħtieġ issir diskussjoni ulterjuri għal progress rigward din il-proposta.

Jekk fil-COP ikun hemm qbil fuq l-emendi tal-Anness IV tal-Konvenzjoni, dawn ikollhom jiġu implimentati fid-Direttiva Qafas 2008/98/KE[6] tal-UE dwar l-iskart (il-lista tal-

[5] Aktar informazzjoni tinsab fuq is-sit web tal-Konvenzjoni ta' Basel http://www.basel.int/Implementation/LegalMatters/LegalClarity/ReviewofAnnexes/AnnexesI,III,IVandrelatedaspectsofAnnexes/tabid/6269/Default.aspx

[6] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi, ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3-30.

operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-iskart li tikkorrispondi għall-Anness IV tal-Konvenzjoni) u possibbilment fir-Regolament (UE) 2024/1157[7].

***Emenda tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni proposta mill-Federazzjoni Russa***

Il-Federazzjoni Russa kienet ressqet proposta biex tiġi kkunsidrata matul il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, imfassla biex temenda l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ("l-att previst")[8]. Din il-proposta kienet reġgħet tqiegħdet fuq l-aġenda matul is-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet.

Id-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-Federazzjoni Russa saru matul il-15 u s-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet. F'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2022/1025 tat-2 ta' Ġunju 2022 u (UE) 2023/1007 tal-25 ta' April 2023, l-Unjoni ma appoġġatx din il-proposta (ara t-taqsima dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għal aktar informazzjoni). Bosta Partijiet tal-istess fehma ma appoġġawx il-proposta tal-Federazzjoni Russa. Iżda kien hemm Partijiet oħrajn li esprimew l-appoġġ tagħhom għall-proposta.

Għaldaqstant, matul dawn id-diskussjonijiet, il-Konferenza tal-Partijiet iddeċidiet li tipposponi l-kunsiderazzjoni tal-proposta Russa għall-COP-16 u mbagħad f'dik il-laqgħa, għall-COP-17.

Il-Federazzjoni Russa ħarġet proposta aġġornata f'Ottubru 2024 għall-emenda tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni, li ma biddlitx l-essenza tal-proposta tagħha iżda biddlet l-iskeda taż-żmien minn 30 għal 90 jum.

L-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni hija kif ġej: "*L-Istat importatur għandu jwieġeb lin-notifikatur bil-kitba, fejn jagħti l-kunsens tal-moviment fuq kondizzjonijiet jew mingħajrhom, jiċħad il-permess tal-moviment, jew jitlob tagħrif addizzjonali*".

Il-Federazzjoni Russa qed tipproponi li tbiddel din is-sentenza billi jiddaħħal limitu taż-żmien ta' 90 jum li matulu pajjiż tal-importazzjoni jenħtieġ li jwieġeb lin-notifikatur (biex jagħti l-kunsens tiegħu għall-vjeġġ ippjanat, jiċħad il-permess għal dan il-vjeġġ, jew jitlob informazzjoni addizzjonali). Barra minn hekk, il-proposta tinkludi wkoll it-tneħħija tal-virgola "," bejn "mingħajrhom" u "jiċħad", biex tinbidel b'"jew".

Il-Konvenzjoni hi implimentata fl-Unjoni bir-Regolamenti (KE) Nru 1013/2006[9] u (UE) 2024/1157[10] dwar vjeġġi ta' skart (minn hawn 'il quddiem "id-WSR"[11]). Kwalunkwe modifika fi-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-UE wara li tkun ġiet implimentata permezz ta' emendi f'dan ir-Regolament.

Ir-regoli attwali li japplikaw għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha diġà jipprevedu skadenza ta' 30 jum għall-pajjiż tal-importazzjoni biex iwieġeb lin-notifikatur (ara l-

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006, ĠU L, 2024/1157, 30.4.2024.

[8] Il-proposta tinsab fuq is-sit web tal-Konvenzjoni ta' Basel http://www.basel.int/TheConvention/Communications/tabid/1596/Default.aspx

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-vjeġġi tal-iskart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L, 2024/1157, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1157/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1157 daħal fis-seħħ fl-20 ta' Mejju 2024, iżda ħafna mid-dispożizzjonijiet tiegħu se jibdew japplikaw fl-2026. Sa dak iż-żmien, jibqa' applikabbli r-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 1013/2006). Dan japplika wkoll għall-pajjiżi l-oħra tal-OECD, skont id-Deċiżjoni tal-OECD[12].

Għall-Unjoni, l-unika konsegwenza prattika tal-bidliet ikkawżati mill-proposta tal-Federazzjoni Russa hija fuq il-proċedura għall-esportazzjoni tal-iskart notifikat minn u lejn il-pajjiżi li mhumiex tal-OECD. Peress li l-esportazzjoni tal-iskart elenkat fl-Anness VIII u fl-Anness II tal-Konvenzjoni lejn il-pajjiżi li mhumiex tal-OECD hi pprojbita skont id-WSR, il-bidla kkawżata mill-proposta Russa hija biss fir-rigward tal-"iskart mhux elenkat", li, skont l-Artikolu 3(1)(b)(iii) u (iv) tad-WSR, hu soġġett għall-proċedura ta' "kunsens infurmat minn qabel". L-emenda proposta mill-Federazzjoni Russa tkun tfisser li, għal dawn il-każijiet, il-pajjiż tal-importazzjoni jkollu jirrispondi fi żmien 90 jum lin-notifikatur ta' vjeġġ mill-Unjoni destinat għal pajjiż li mhuwiex tal-OECD.

***Proċeduri għall-emendi tal-Konvenzjoni***

Il-proċedura biex tiġi emendata l-Konvenzjoni hi regolata mill-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni. Kwalunkwe emenda bħal din trid tiġi adottata waqt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet. Emenda ssir vinkolanti fuq dawk il-Partijiet li jiddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, approvazzjoni, konferma formali jew aċċettazzjoni f'konformità mal-Artikolu 17(5) tal-Konvenzjoni, li jipprevedi: "*L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, konferma formali jew approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati għand id-Depożitarju. L-emendi adottati skont il-paragrafi 3 jew 4 ta' hawn fuq għandhom jidħlu fis-seħħ bejn il-Partijiet li jkunu aċċettawhom fid-disgħin jum wara li d-Depożitarju jkun irċieva l-istrument tagħhom ta' ratifika, approvazzjoni, konferma formali jew aċċettazzjoni mingħand mill-inqas tliet kwarti tal-Partijiet li jkun aċċettaw l-emendi għall-Protokoll interessat, għajr jekk jiġi pprovdut xorta oħra f'dan il-Protokoll. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ għal kull Parti oħra fid-disgħin jum wara li din l-Parti tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, approvazzjoni, konferma formali jew aċċettazzjoni tal-emendi*". Għalhekk hemm bżonn ratifika, approvazzjoni, konferma formali jew aċċettazzjoni minn tliet kwarti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (jiġifieri 144 Parti) biex kwalunkwe emenda tal-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ.

S'issa, il-korp tal-Konvenzjoni ġie emendat darba, biż-żieda tal-Artikolu 4A u b'żieda sussegwenti tal-Anness VII ("l-emenda dwar il-Projbizzjoni ta' Basel") tal-Konvenzjoni. Din l-emenda ġiet miftiehma mill-Konferenza tal-Partijiet waqt it-tielet laqgħa tagħha fl-1995 u daħlet fis-seħħ fl-2019, għal dawk il-Partijiet li rratifikawha.

Il-proċedura biex jiġu emendati l-Annessi tal-Konvenzjoni hi regolata mill-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni u hi inqas peżanti. Kwalunkwe emenda f'Anness issir effettiva għall-Partijiet kollha tal-Konvenzjoni li ma jippreżentawx notifika li tindika li ma jistgħux jaċċettaw l-emenda fi żmien sitt xhur mid-data tal-komunikazzjoni tal-adozzjoni.

## 3. Pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni

***Emenda proposta tal-Anness IV tal-Konvenzjoni mill-Unjoni***

F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1829 tal-24 ta' Novembru 2020, l-Unjoni ressqet proposta biex jiġi emendat l-Anness IV u ċerti entrati fl-Annessi II u IX tal-Konvenzjoni li, fost l-oħrajn, kien fiha l-elementi li ġejjin:

- (1) Tiddaħħal introduzzjoni ġenerali li tiddistingwi b'mod ċar it-termini "rimi finali" u "rkupru", (2) isiru kjarifiki li jagħmulha ċara li l-operazzjonijiet kollha tal-immaniġġjar tal-iskart li jsiru jew li jaf isiru fil-prattika huma koperti irrispettivament

[12] Id-Deċiżjoni dwar il-Kontroll tal-Movimenti Transkonfinali ta' Skart Destinat għal Operazzjonijiet ta' Rkupru, https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0266

mill-istatus ġuridiku tagħhom u minn jekk dawn ikunux meqjusin ambjentalment korrett jew le, u li huma koperti wkoll l-operazzjonijiet li jsiru qabel is-sottomissjoni għal operazzjonijiet oħra ("l-operazzjonijiet *interim*");

- Jiddaħħlu sottotitoli deskrittivi u testi introduttorji li jispjegaw xi jfissru operazzjonijiet li mhumiex ta' rkupru (l-Anness IVA) u operazzjonijiet ta' rkupru (l-Anness IVB); u
- kjarifiki dwar l-operazzjonijiet eżistenti u l-introduzzjoni ta' operazzjonijiet ġodda fl-Anness IV, fost l-oħrajn biex jiġu aġġornati u ċċarati d-deskrizzjonijiet tal-operazzjonijiet skont l-iżviluppi xjentifiċi, tekniċi u oħrajn li seħħew minn mindu ġiet adottata l-Konvenzjoni fl-1989, u jiġu introdotti d-dispożizzjonijiet komprensivi biex ikun żgurat li l-operazzjonijiet li ma jssemmewx b'mod speċifiku, xorta jkunu koperti mir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni.

Il-proposta għandha l-objettiv li:

- Tiżgura li jkunu japplikaw għalkollox il-mekkaniżmi tal-kontroll xierqa tal-Konvenzjoni, u li għalhekk, jekk jiġu adottati, itejbu l-kontrolli tal-vjeġġi tal-iskart u jiffaċilitaw il-prevenzjoni tal-vjeġġi illegali,
- Ittejjeb iċ-ċarezza ġuridika u tikseb fehim u interpretazzjoni komuni tal-operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-iskart fost il-Partijiet, u
- Tappoġġa l-immaniġġjar ambjentalment korrett tal-iskart fil-livell dinji u tgħin fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari dinjija.

L-Unjoni għandha tkompli tappoġġa l-objettivi msemmija hawn fuq, iżda, fid-dawl tal-oppożizzjoni espressa waqt il-COP-15 u l-COP-16 minn ħafna Partijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-inklużjoni ta' operazzjonijiet ġodda, pereżempju dwar it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u l-operazzjonijiet komprensivi, l-Unjoni jenħtieġ li turi li hija flessibbli, inkluż billi tiddifferixxi d-diskussjoni dwar l-aktar suġġetti kontenzjużi u tistinka għal qbil dwar il-bqija tal-aspetti tal-proposta.

Jekk Partijiet oħra jipproponu emendi fl-Annessi rilevanti li jkunu jistgħu jilħqu l-istess objettivi bħal dawk tal-proposta tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li turi li hi miftuħa għall-possibbiltà li tikkunsidra dawn il-proposti, u li fil-prinċipju l-Unjoni tkun tista' tappoġġahom.

Il-pożizzjoni proposta hija konformi mal-għan tal-UE li tmexxi l-isforzi biex tixpruna t-tranżizzjoni dinjija lejn ekonomija ċirkolari. Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa għax il-qasam kopert mill-emendi proposti għall-Konvenzjoni ta' Basel jinsab fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Infatti, is-suġġett tal-emendi proposti għall-Konvenzjoni ta' Basel jinsab fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Iskart (2008/98/KE[13]), b'mod partikolari l-Annessi I u II tad-Direttiva, u r-Regolament (UE) 2024/1157. Għalhekk, hemm ir-riskju li l-emendi proposti jaffettwaw ir-regoli komuni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, u għalhekk jinsabu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

***Emenda tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni proposta mill-Federazzjoni Russa***

L-Unjoni Ewropea jenħtieġ li ma tappoġġax l-emenda tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni kif proposta mill-Federazzjoni Russa. Din il-pożizzjoni hija konformi mal-pożizzjoni maqbula għall-COP-15 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1025 tat-2 ta' Ġunju 2022, u għall-COP-16 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1007 tal-25 ta' April 2023.

---

[13] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi, ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3-30.

L-ewwel parti tal-emenda (limitu taż-żmien ta' 90 jum għall-pajjiż tal-importazzjoni biex iwieġeb lin-notifikatur) ma ġġib l-ebda vantaġġ maġġuri għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għax ir-regoli tal-UE, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-OECD, diġà jimponu limitu taż-żmien ta' 30 jum għall-Istati Membri tal-UE tal-importazzjoni biex iwieġbu lin-notifikatur.

It-tieni parti tal-emenda (is-sostituzzjoni ta' virgola b'"jew") ma tidhirx meħtieġa u toħloq inċertezza legali. Il-formulazzjoni attwali hi ċara biżżejjed li l-pajjiż tal-importazzjoni jista' jirreaġixxi bi tliet modi differenti meta jwieġeb lin-notifikatur (jagħti l-kunsens tiegħu għall-moviment, jiċħad il-permess għal dak il-moviment, jew jitlob informazzjoni addizzjonali). Għalhekk, din is-sentenza m'hemmx bżonn tiġi emendata.

Il-proċess biex tiġi emendata l-Konvenzjoni hu peżanti ħafna u jieħu ħafna ħin, speċjalment għax kull Parti jeħtieġ tipproċedi bil-proċess intern tagħha ta' ratifika, u għax l-emenda ma tidħolx fis-seħħ qabel ma tkun ratifikata minn tliet kwarti tal-Partijiet. Fl-aħħar mill-aħħar, imbagħad, dik l-emenda jaf ukoll ikollha impatt limitat, għax l-emendi jkunu vinkolanti biss fuq dawk li jirratifikawhom. Għalhekk, l-emenda proposta tniedi proċess twil u peżanti fi ħdan il-Konvenzjoni u għall-Partijiet tagħha mingħajr ma tindirizza kif xieraq xi prijorità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jtejbu l-effettività tal-Konvenzjoni.

Filwaqt li ma tappoġġax l-emendi proposti, l-Unjoni jenħtieġ li tkompli tisħaq li l-Partijiet jenħtieġ li jippromwovu funzjonament aħjar tal-proċedura tal-kunsens infurmat minn qabel, fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Basel. Dan jista' jinkludi l-istabbiliment ta' limiti taż-żmien oħra għat-tweġibiet lin-notifikaturi, b'mod partikolari għall-pajjiżi tat-tranżitu, kif ukoll li jitħeġġeġ l-użu tas-sistemi elettroniċi għall-iskambju tad-data jew li jiddaħħal il-kunċett ta' "faċilitajiet b'kunsens minn qabel", li joriġina mid-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-movimenti transfruntieri tal-iskart, fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Basel. Fi ħdan il-Konvenzjoni diġà hemm bosta proċessi għaddejjin dwar dawn il-kwistjonijiet, fosthom waħda mnedija dwar it-titjib tal-proċedura tal-kunsens infurmat minn qabel li kienet inbdiet fil-COP-15 b'inizjattiva tal-Unjoni. L-Unjoni jenħtieġ li tenfasizza l-importanza ta' dan il-proċess bħala soluzzjoni għal għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tistieden lill-Partijiet kollha biex jipparteċipaw f'dan il-proċess.

Il-pożizzjoni proposta hija konformi mal-għan tal-UE li tmexxi l-isforzi biex tixpruna t-tranżizzjoni dinjija lejn ekonomija ċirkolari. Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa peress li l-qasam kopert mill-emendi proposti għall-Konvenzjoni ta' Basel jinsab fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Infatti, is-suġġett tal-emendi proposti għall-Konvenzjoni ta' Basel jinsab fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 2024/1157, b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu. Għalhekk, hemm ir-riskju li l-emendi proposti jaffettwaw ir-regoli komuni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, u għalhekk jinsabu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

## 4. Bażi legali

### 4.1. Bażi legali proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li

ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*."[14]

### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel hi korp stabbilit mill-Konvenzjoni.

L-atti li l-Konferenza tal-Partijiet qed tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. Jekk jiġu adottati, l-atti previsti jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni u jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri r-Regolament (UE) 2024/1157 dwar vjeġġi ta' skart u d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart. Dan ir-Regolament jimplimenta l-Konvenzjoni billi, fost l-oħrajn, jistabbilixxi l-proċeduri għall-esportazzjonijiet mill-Unjoni, għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, u għall-vjeġġi bejn l-Istati Membri.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## 4.2. Bażi legali sostantiva

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala l-ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ambjentali. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

## 4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

[14] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

2025/0024 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt is-sbatax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu, fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Artikoli u l-Annessi ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu ("il-Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fl-1992 u ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE dwar it-tmiem, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni ta' Basel tat-22 ta' Marzu 1989 dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu[15].

(2) Skont l-Artikolu 15(5)(b) tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet għandha tikkunsidra u tadotta, kif meħtieġ, emendi ta' din il-Konvenzjoni.

(3) Matul il-15-il laqgħa tagħha f'Ġunju 2022 u s-16-il laqgħa tagħha f'Mejju 2023, il-Konferenza tal-Partijiet ikkunsidrat proposta għal emendi tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni mressqa mill-Federazzjoni Russa. Il-Konferenza tal-Partijiet iddeċidiet li tiddifferixxi l-kunsiderazzjoni ta' din il-proposta għal-laqgħa li jmiss tal-Konferenza tal-Partijiet.

(4) Il-Federazzjoni Russa ppreżentat proposta kemxejn emendata f'Ottubru 2024 għal diskussjoni matul is-17-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, f'April-Mejju 2025. Dik il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi limitu taż-żmien ta' 90 jum biex pajjiż tal-importazzjoni jwieġeb lin-notifikatur dwar vjeġġ ta' skart, u biex tinkludi bidliet oħrajn ippreżentati bħala editorjali.

(5) Tressqet proposta f'isem l-Unjoni biex jiġu emendati l-Anness IV u ċerti entrati fl-Annessi II u IX tal-Konvenzjoni, u din ġiet diskussa mill-Konferenza tal-Partijiet matul il-15-il laqgħa tagħha f'Ġunju 2022. Il-proposta għandha l-għan, fost l-oħrajn, li temenda u tiċċara d-deskrizzjonijiet tal-operazzjonijiet tar-rimi elenkati fl-Anness IV tal-Konvenzjoni u, b'mod partikolari, li: tinkludi introduzzjoni ġenerali li tiddistingwi b'mod ċar it-termini "mhux ta' rkupru" u "ta' rkupru"; tinkludi testi introduttorji li jispjegaw it-tifsira ta' "operazzjonijiet mhux ta' rkupru" (l-Anness IVA) u ta' "operazzjonijiet ta' rkupru" (l-Anness IVB); taġġorna u tiċċara d-deskrizzjonijiet tal-operazzjonijiet skont l-iżviluppi xjentifiċi, tekniċi u oħrajn li seħħew minn meta ġiet adottata l-Konvenzjoni fl-1989; tiżgura, permezz tal-introduzzjoni tad-

[15] ĠU L 39, 16.2.1993, p. 1.

dispożizzjonijiet komprensivi, li l-operazzjonijiet kollha mhux imsemmija b'mod speċifiku jkunu koperti mir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni. Il-Konferenza tal-Partijiet iddeċidiet li tkompli tikkunsidra din il-proposta matul il-laqgħa li jmiss tal-Konferenza tal-Partijiet.

(6) Jixraq tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt is-17-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet dwar dawn il-proposti, għax billi jemendaw it-test u l-Annessi tal-Konvenzjoni, dawn għandhom effetti legali. Jekk jiġu adottati mill-Konferenza tal-Partijiet, l-atti previsti se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jaffettwaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri li jsejħu għal emendi tad-Direttiva 2008/98/KE[16], u tar-Regolament (UE) 2024/1157[17].

(7) Fir-rigward tal-emendi tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ppreżentati mill-Federazzjoni Russa, jenħtieġ li l-Unjoni ma tappoġġahomx għax dawn ma jgħinux jindirizzaw il-problemi li l-Unjoni jidhrilha li huma prijoritajiet għall-funzjonament tal-Konvenzjoni ta' Basel. Barra minn hekk, l-emendi fit-test prinċipali tal-Konvenzjoni jeħtieġu proċess twil u peżanti biex jidħlu fis-seħħ, u jidher sproporzjonat li għandu jitnieda dan il-proċess meta l-emenda ftit li xejn tipprovdi valur miżjud. Minflok, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa inizjattivi mfassla biex itejbu l-funzjonament tal-proċedura ta' "kunsens infurmat minn qabel", bħalma qed jiġri bħalissa permezz tal-Konvenzjoni, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu konformi mal-politiki u l-objettivi ġenerali tal-Unjoni u ma jkunux jeħtieġu jemendaw il-Konvenzjoni.

(8) Fir-rigward tal-proposta biex jiġu emendati l-Anness IV u ċerti entrati fl-Annessi II u IX, l-Unjoni jenħtieġ li tkompli tappoġġa l-adozzjoni tagħha. Biex jintlaħaq kunsens dwar din il-proposta, l-Unjoni jenħtieġ li turi wkoll il-flessibbiltà, b'mod partikolari rigward il-miżuri proposti li matul il-Konferenza tal-Partijiet li jmiss aktarx mhux se jiksbu biżżejjed appoġġ biex jiġu adottati. Dan jinkludi, pereżempju, li tiddiferixxi d-diskussjoni dwar l-aktar suġġetti kontenzjużi (bħall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u l-operazzjonijiet komprensivi), tistinka għal qbil dwar il-bqija tal-aspetti tal-proposta u tappoġġa emendi possibbli minn Partijiet oħra, diment li dawn ikunu jistgħu jilħqu l-istess objettivi bħal dawk proposti mill-Unjoni b'rabta mal-Anness IV tal-Konvenzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul is-17-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel hija din li ġejja:

   (a) l-Unjoni ma għandhiex tappoġġa l-emendi tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni kif propost mill-Federazzjoni Russa. L-Unjoni għandha tappoġġa inizjattivi mfassla biex itejbu l-funzjonament tal-proċedura ta' "kunsens infurmat minn qabel", bil-kundizzjoni li dawn ikunu konformi mal-politiki u l-objettivi ġenerali tal-Unjoni u ma jkunux jeħtieġu emenda tal-Konvenzjoni.

---

16 Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi, ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3-30.

17 Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006, ĠU L, 2024/1157, 30.4.2024.

(b) l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa l-adozzjoni tal-emendi tal-Anness IV u ta' ċerti entrati fl-Annessi II u IX tal-Konvenzjoni. Jekk ikun meħtieġ biex ikun żgurat li jintlaħaq kunsens dwar emenda tal-Anness IV, l-Unjoni tista' turi ċerta flessibbiltà u taqbel li titbiegħed mill-proposta mressqa fil-COP-15, diment li dik l-emenda tkun tikkontribwixxi biex tiżdied iċ-ċarezza ġuridika tal-Anness u biex jitwettqu l-mekkaniżmi tal-kontroll tal-Konvenzjoni, u ma timminax ir-reġim legali tal-UE dwar l-immaniġġjar u l-vjeġġi tal-iskart.

*Artikolu 2*

Fid-dawl tal-iżviluppi fis-17-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, jista' jintlaħaq qbil dwar l-irfinar tal-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 mir-rappreżentanti tal-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*